**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 282/2023MD**

**Has Construction Limited (C97070)**

**Vs**

**Umit Demirci (KI 0272128A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fid-9 ta' Awissu, 2023[1] permezz ta' liema is-soċjeta' attriċi talbet sabiex l-konvenut jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf, tlett mija u sebgħa u disgħin ewro u sittin ċenteżimu (€1,397.60) rappreżentanti flejjes inġustament imħallsa, jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' erba' mija u żewġ ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€402.44) rappreżentanti kumpens għal-perjodu ta' *notice* li ma ġiex maħdum u jordna u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma globali ta' elf, tminn mitt ewro u erba' ċenteżimi (€1,800.04) jew somma verjuri; bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż tal-ittra legali u tal-ittra uffiċjali.

Ra li l-konvenut għalkemm notifikat ma ppreżentax risposta entro t-terminu impost mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2024[2] u lanqas għas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024[3];

Sema lil Melit Murak Kizilcelik;

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess
[2] *A fol* 25 tal-proċess
[3] *A fol* 65 tal-proċess

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attrici qed titlob sabiex l-konvenut jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf, tlett mija u sebgħa u disgħin ewro u sittin ċenteżimu (€1,397.60) rappreżentanti flejjes inġustament imħallsa, jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' erba' mija u żewġ ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€402.44) rappreżentanti kumpens għal-perjodu ta' *notice* li ma ġiex maħdum u jordna u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma globali ta' elf, tminn mitt ewro u erba' ċenteżimi (€1,800.04) jew somma verjuri.

**Provi prodotti**

Sema lil **Melit Murak Kizilcelik**[4] li ddikjara li l-konvenut kellu kuntratt ta' impjieg mas-soċjeta' attriċi. L-ammont dovut huwa ta' elf tminn mija u erba' ċenteżimi (€1,800.04) liema ammont għadu dovut u ppreżenta:

- Kuntratt ta' impjieg datat 23 ta' Marzu, 2021[5];
- *Statement of account* tal-konvenut[6];
- Numru ta' *payslips* tal-konvenut[7];
- Numru ta' trasferimenti li saru mis-soċjeta' attriċi lil konvenut[8].

**Konsiderazzjonijiet**

Ikkunsidra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2024[9] u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024.[10]

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Melit Murat Kizilcelik u d-dokumenti ppreżentatati minnu[11].

Għalhekk it-Tribunal jilqa' t-talbiet hekk kif dedotti mis-soċjeta' attriċi.

---

[4] *A fol* 26 *et seq* tal-proċess, xhieda datata 9 ta' Lulju, 2024
[5] *A fol* 29 *et seq* tal-proċess
[6] A fol 33 tal-proċess
[7] *A fol* 34 *et seq* tal-proċess
[8] A fol 50 *et seq* tal-proċess
[9] *A fol* 25 tal-proċess
[10] *A fol* 65 tal-proċess
[11] *A fol* 26 *et seq* tal-proċess

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jiddikjara lil konvenut debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf, tlett mija u sebgħa u disgħin ewro u sittin ċenteżimu (€1,397.60) rappreżentanti flejjes inġustament imħallsa, jiddikjara lil konvenut debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' erba' mija u żewġ ewrou erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€402.44) rappreżentanti kumpens għal-perjodu ta' *notice* li ma ġiex maħdum u jordna u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma globali ta' elf, tminn mitt ewro u erbgħa ċenteżimi (€1,800.04) bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, tal-ittra legali[12] u tal-ittra uffiċjali[13] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[12] *A fol* 7 tal-proċess

[13] *A fol* 7A *et seq* tal-proċess